## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tal-20 ta' April 2001**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 414/01 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 415/01**

**World Marketing Services Limited**

**vs**

**Crosscrafts Company Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta Crosscraft Company Limited fejn gie premess:-

Illi hija giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi kif ukoll b'mandat ta' inibizzjoni numru 415/01 fl-istess ismijiet;

Illi f'dan il-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi, ir-rikorrenti World Marketing Services Limited qed tallega illi hija qed tissubixxi danni minn Crosscrafts Company Limited a tenur tal-artiklu 34 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba riklamar zlejali;

Illi fil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti talbu li r-rikorrenti odjerni jitwaqqfu milli jxerrdu jew li jippermettu notizji taht kwalsiasi forma ta' reklamar jew informazzjoni ghall-konsumatur li jkunu jikkoncernaw prodotti elettrodomestici tad-ditta Ronic sia billi jissemma l-isem tad-ditta Ronic u sia billi jigu esposti jew murija lill-pubbliku prodotti elettrodomestici tad-ditta Ronic u/jew li jaghmlu kwalsiasi uzu minn elettrodomestici tad-ditta Ronic ghal skopijiet ta' dimostrazzjoni ta' u/jew ta' reklamar u/jew ta' paragun ma' prodotti ta' elettrodomestici tad-ditta rivali Magimix;

Illi kontrarjament ghal dak li jsostnu l-intimati World Marketing Services Limited, il-ligi a tenur tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta ossija l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur kif emendat bl-Att XXVI tas-sena 2000, jistipula fl-artiklu 49(1) ta' l-istess ligi, illi reklamar komparattiv huwa permess mil-ligi u huwa dak ir-reklamar li esplicitament jew b'implikazzjoni jidentifika lil xi kompetitur jew lil xi oggetti jew servizzji offruti mill-kompetitur;

Ir-reklamar komparattiv kif jistipula l-artiklu 50(1) tal-Kapitolu 378 ghandu f'dak li ghandu x'jaqsam ma' paraguni ikun premess meta ma jkunx riklam qarrieqi; meta jipparaguna oggetti jew servizji li jkollhom l-istess htiega jew li jkunu mahsubin ghall-istess skop, jew li jipparaguna oggettivament xi wiehed jew iktar mill-karatteristici materjali, rilevanti, verifikabbli u rapprezentattivi ta' dawk l-oggetti u servizzi, liema karatteristici jistghu jinkludu prezz; meta r-reklamar ma johloqx konfuzjoni fis-suq bejn min jirreklama u kompetitur jew bejn it-trade marks, ismijiet kummercjali, marki distintivi ohra, oggetti jew servizji ta' min jirreklama u dawk tal-kompetitur; meta ma jkunx inaqqas mill-krettu jew imaqdar it-trademarks, ismijiet kummercjali, marki distintivi, oggetti, servizzji, attivitajiet jew cirkostanzi; meta l-prodotti b'tismija ta' origini f'kull kaz ikun jirrigwarda prodotti bl-istess tismija;  meta ma jiehdux vantagg mhux gust mir-riputazzjoni ta' xi trademark, isem kummercjali, jew marki distintivi ohra tal-kompetitur jew tat-tismija ta' origini ta' prodotti kompetittivi u meta ma jipprezentax oggetti jew servizzji bhala imitazzjonijiet jew replika ta' oggetti jew servizzji li jkollhom xi marka protetta jew isem kummercjali;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fuq imsemmi, m'ghandux aktar isehh peress li mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh u mhux gustifikabbli ghax il-ligi taghti d-dritt lir-rikorrenti odjern Crosscraft Company Limited biex tirreklama b'mod komparattiv u fl-ebda waqt u taht l-ebda cirkostanza m'huwa s-socjeta' intimata jindikaw li huma qed jaghmlu dan b'mod qarrieqi imma kif jirrizulta mill-istess att tal-mandat ta' inibizzjoni 415/01, huma biss qed jippretendu li riklamar komparattiv ma jistax isir, haga li kif diga' intwera hija permessa mil-ligi a tenur tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, artiklu 48(1) u artiklu 50(1);

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, l-att kawtelatorju fuq imsemmi ghandu jigi revokat ghal kollox;

Illi kif jistipula l-artiklu 836(7) tal-Kapitolu 12, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ghandha tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir a tenur ta' l-artiklu 836(8) tal-Kapitolu 12, tordna lill-intimat World Marketing Services Limited, biex ihallas penali ta' mhux anqas minn Lm500 u mhux izjed minn Lm3,000 stante li l-hrug ta' tali mandat mhux gustifikat u peress li bl-ebda mod qabel ma hareg il-mandat il-konvenut talab lir-rikorrent odjern Crosscraft Company Limited biex ihallas id-dejn jew jipprovdi oltre l-fatt li c-cirkostanzi tas-socjeta' Crosscraft Company Limited ma jaghtux lok ghal xi dubbju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu biex ihallas it-talbiet ta' l-intimat, oltre l-fatt ukoll li t-talba  ta' l-intimat hija wahda malizzjuza, frivola u dan b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ta' danni spettanti lis-socjeta' intimata ghall-hrug ta' tali mandat;

Ghalhekk l-imsemmija socjeta rikorrenti talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-hrug tal-mandat ta' sekwestru 414/01 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 415/01 fl-ismijiet "World Marketing Services Limited vs Crosscrafts Company Limited" u tordna lill-intimati World Marketing Services Limited thallas lis-socjeta' rikorrenti Crosscraft Company Limited il-penali ta' Lm3000 a tenur ta' l-artiklu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni ohra spettanti lis-socjeta' Crosscraft Company Limited;

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata fejn gie sottomess:-

1. Illi preliminarjament, is-socjeta' esponenti ma ndikatx a bazi ta' liema subinciz ta' l-artikolu 836(1) hija qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 414/01 u l-mandat ta' inibizzjoni nru 415/01;

2. Illi r-rikors ghall-mandat ta' inibizzjoni msemmi jinstab prezentement milqugh provvizorjament, inghata s-smiegh minn dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta mill-Onor. R.C. Pace, u qieghed jistenna digriet kamerali, b'mod illi t-talba ghar-revoka hija fi kwalunkwe kaz intempestiva;

3. Illi lanqas ma jirrizulta ghal liema wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 836(8) ghandha s-socjeta' intimata tigi kkundannata ghall-hlas tal-penali kkontemplata fl-istess artikolu;

4. Illi fil-mertu, la darba 34(1) Kap.13 ghadu fis-sehh, ir-regola generali tibqa' dik enunzjata fih u fil-gurisprudenza, li reklamar komparattiv jitqies li huwa denigratorju u sleali, u kwindi fil-mertu jinkombi fuq is-socjeta' rikorrenti li tinvoka l-esenzjoni prevista mill-artikolu 50(1) Kap.378 u tipprova li hija ssodisfat ir-rekwiziti kollha hemmhekk stipulati. Fin-nuqqas taghha li taghmel dan, tapplika s-sanzjoni prevista mill-Kodici Kummercjali;

5. Illi minghajr pregudizzju, is-socjeta' esponenti ssostni li gew vjolati s-subincizi (a), (b), (c), u (e) ta' l-art. 50 (1) tal-Kap. 378, u li ghalhekk is-socjeta' rikorrenti ma tgawdix mill-esenzjoni prevista mill-art. 50(1) Kap. 378;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu 2001 min fejn jirrizulta li s-socjeta rikorrenti specifikat illi t-talba taghha ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' inibizzjoni hija bbazata fuq dak li hemm provdut fl-artikolu 836(1)(d) u (f) Tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-istess verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu 2001 min fejn jirrizulta li s-socjeta intimata ddikjarat li d-dokumenti esebiti mis-socjeta rikorrenti fl-istess seduta huma kopja vera tal-mandati originali;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-imsemmi verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu 2001 min fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li jista' jinghata l-provediment finali;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta rikorrenti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta intimata;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta rikorrenti Crosscraft Company Limited qed tghamel referenza ghal zewg mandati kawtelatorji li gew ottjenuti kontra taghha mis-socjeta intimata World Marketing Services Limited. L-ewwel mandat hu mandat ta' sekwestru filwaqt li t-tieni mandat hu mandat ta' inibizzjoni. Dan il-mandat ta' inibizzjoni fid-data tal-presentata ta' dan ir-rikors kien ghadu biss akkolt b'mod provizorju u ghalhekk kien ghad jonqos li jinghata digriet finali. L-istess socjeta rikorrenti qed titlob li jigu revokati l-imsemmija mandati u li jigi ordnat lis-socjeta intimata li thallas lis-socjeta' rikorrenti penali ta' Lm3000 u dana a tenur ta' l-artiklu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Is-socjeta rikorrenti ppremettiet li s-socjeta intimata ottjeniet il-hrug tal-imsemmija mandati kawtelatorji fuq allegazzjoni li qed issofri danni minhabba riklamar zlejali da parti tal-istess socjeta rikorrenti. Hawnhekk ir-referenza hi ghal hekk imsejjah reklamar komparattiv;

Ghandu jinghad li l-provedimenti tal-artikoli 49(1) u 50(1) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur) jippermettu reklamar komparattiv, cioe reklamar li esplicitament jew b'implikazzjoni jidentifika lil xi kompetitur jew xi oggetti jew servizzji offruti mill-istess kompetitur. Dawn l-istess artikoli, pero', jipprovdu ukoll entro liema limiti jista jsir dan it-tip ta' reklamar;

Is-socjeta rikorrenti tippretendi li l-imsemmija mandati m'ghandhomx jibqghu fis-sehh peress li mhux ragonevoli u mhux gustifikabbli li jinzammu fis-sehh, u dana peress li l-ligi tippermetti dan it-tip ta reklamar. Is-socjeta' rikorrenti nnotat li fl-ebda hin ma gie allegat mis-socjeta intimata, meta ottjenit il-hrug ta' dawn il-mandati, li r-reklamar in kwestjoni oltrepassa dawk il-limiti li huma mnizzlin fil-ligi. Is-socjeta rikorrenti ssostni ukoll li hi applikabbli l-penali skond il-provedimenti tal-Kapitolu 12 u dana stante, fost affarijiet ohra, li t-talba tas-socjeta intimata ghal-hrug tal-mandati kawtelatorji kienet malizzjuza u frivola. In effett is-socjeta rikorrenti specifikat illi dawn it-talbiet taghha huma bbazati fuq il-provedimenti tal-artikolu 836(1)(d) u (f) Tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

B'referenza ghall-imsemmija provedimenti tal-ligi jista jinghad li bl-ebda mod ma jirrizulta li l-ammont indikat fit-talbiet ghal-hrug tal-mandati kawtelatorji in kwestjoni mhux gustifikat. Lanqas ma jirrizulta li mhux ragonevoli jew mhux giustifikabbli li jinzammu fis-sehh l-istess atti kawtelatorji. Huwa minnu li reklamar komparattiv hu permess mill-ligi. L-istess ligi pero' timponi certu limiti u s-socjeta intimata qed tippretendi, meta ottjenit il-hrug tal-mandati, li s-socjeta rikorrenti oltrepassat dawn il-limiti fir-reklami in kwestjoni. Jista jinghad ukoll li l-provedimenti tal-artikolu 836(1)(f) jidhru li jirreferu ghal xi bdil fic-cirkostanzi mid-data ta' meta gie ottjenut il-hrug tal-mandat. Tali bdil fic-cirkostanzi zgur li ma jirrizultax f'dan il-kaz;

Is-socjeta rikorrenti ghandha d-drtitt li tirrikorri ghall-reklamar komparattiv sabiex iggib il-quddiem il-prodotti taghha. L-istess socjeta rikorrenti m'ghandix dritt, pero', li tmur kontra l-limiti imposti mill-ligi u jekk is-socjeta intimata qed tghamel allegazzjonijiet f'dan is-sens, ghandha kull dritt li tottjeni l-hrug ta' mandati kawtelatorji sabiex tissalvagwardja d-drittijiet minnha pretizi;

Ghandu jigi osservat li fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha s-socjeta rikorrenti tghamel hafna referenzi ghall-atti u provi li huma inesistenti f'dawn il-proceduri u ghalhekk f'partijiet taghha din l-istess nota ta' osservazzjonijiet hi irrelevanti. Inoltre, ghandu jigi puntwallizat, li ovvjament f'dawn il-proceduri mhux qed jigi deciz il-meritu tal-kwestjoni li jista jkun hemm bejn il-partijiet. Qed jigi deciz jekk mandati kawtelatorji ghandhomx jibqghu fis-sehh jew le u dana skond dawk it-termini tal-ligi li huma indikati mis-socjeta rikorrenti bhala l-bazi tat-talbiet taghha;

Fl-ahharnett lanqas ma jirrizultaw b'mod sufficjenti l-estremi tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 836(7) tal-Kapitolu 12 u ghalhekk mhux applikabbli l-penali kontemplata fl-istess provedimenti. Ma jirrizultax li l-ottjeniment tal-mandati in kwestjoni sar fuq talba tas-socjeta intimata li kienet malizzjuza, frivola u vessatorja;

In vista ta dan kollu t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu michuda. Ghandu ukoll jinghad li ma hemmx dubju li dawn it-talbiet fil-konfront tal-mandat ta' inibizzjoni huma intempestivi stante li dan il-mandat, meta gie intavolat dan ir-rikors, kien ghadu akkolt biss b'mod provizorju;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.